MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Numru 93/99

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**versus**

**Keith Stagno Navarro**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Keith Stagno Navarro ta’ 29 sena iben Stephen u Maria Concetta nee Galea imwieled Sliema fit-22 t’Ottubru 1969 joqgħod Cossack, Spinola Road, Saint Julian’s u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 3670 (M)

2. Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer, fis-7 t’Ottubru 1998 u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data

Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-impotazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta m kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma keinx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieħgu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dna bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll Intern tad-Drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussewgwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi kap 101 tal-Liġijie ta' ***Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu***

*u li kkommetta dawn ir-reati fi jew f'distanza ta' mitt (100) metru minn skola, klabb, jew post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.*

Il-Qorti ntalebt tapplika l-artikolu 533 f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-5 t'April, 1999, il-fedina penali ta' l-imputat, l-istqarrija ta' l-imputat a fol 17 rilaxxjata fid-9 t'Ottubru 1998, ir-ritratti fid-dokument AB1 – AB8 a fol 19, il-Proċes Verbal a fol 20 redatt mill-Maġistrat Dr.Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 1999 intitolat ' Proċes Verbal dwar sejba ta' droga fil-każin tal-band 'Stella Maris' Annunciation Square, Sliema fis-7 t'Ottubru 1998,' il-verbal li fih il-Qorti kkonfermat il-periti hemm maħtura, il-verbal li fih inħatar il-Perit Renato Laferla sabiex iħejji pjanta tal-post, ir-relazzjoni tal-Perit Renato Laferla (fol 83), il-verbal tat-tat-30 ta' Settembru, 1999 li bih il-Qorti ħatret kemm lill-PC Andrew Caruana sabiex jieħu l-impronti diġitali ta' l-imputat seduta stante kif ukoll lis-Sur Joseph Bongailas bħala espert forensiku sabiex jagħmel eżami komparattiv ta' l-impronti diġitali li hemm esibiti fil-proċess, ir-

relazzjoni ta' l-espert ta' l-impronti diġitali Joseph M Bongailas a fol 102, il-verbal tas-27 ta' Mejju 2003 fejn id-difiża ddikjarat li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jistemgħu x-xhieda li kienu rreġistati quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-fedina penali aġġornata ta' l-imputat, il-verbal li fih il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-17 ta' Jannar 2005 kif ukoll id-dokument JM redatt minn PS 673 Joseph Mallia wara li kien inħatar għal dan il-għan mill-Maġistrat Inkwirenti  Dr.Anton Mizzi fis-7 t'Ottubru 1998,

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli difensur .

Ikkunsidrat

5. Illi fis-7 t'ottubru 1998 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija s-Supretendent Neil Harrison bagħat lill-PC 579, PC 536, PC 123 u PC 1044 sabiex jaħgmlu tfittxija fil-każin tal-Banda ta' Stella Maris tas-Sliema.  Dawn marru fil-bar fejn kien hemm l-imputat. Fittxew fuqu u ma sabu xejn. Imbagħad saret tfittxija fil-bar u fil-kamra li tiġi wara l-bar, fl-istess bar, f'kexxun il-Pulizija sabu għaxar qratas li dehru li kellhom trab suspettat kokaina.

6. Saret tfittxija fir-residenza ta' l-imputat fejn instabu xi karti li setgħu kienu jixbħu lill-karti tal-qratas.

7. Kien infurmat il-Maġistrat ta' l-Għassa li ħatar l-esperti waqt li l-imputat kien arrestat

**L-Istqarrija ta' l-imputat**

8. Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fid-9 t'Ottubru, 1998 l-imputat kien qal li kien ilu bil-bar mill-5 ta' Frar 1998 fejn kien jgħinu ċertu Norbert Panzavecchia.  Huwa kien jiftaħ il-ġimgħa kollha u kellu  x'jaqsam mal-bar biss.  Huwa kien joffri xi snacks ukoll.  Il-kċina hija żgħira u qegħda fuq wara tal-bar, li hija parti mill-bar u 'nużaha jien biss' ħlief

meta jagħmlu xi ikla tal-kumitat tal-każin. Iżda kienet ilha ma ssir ikla hemm hekk. L-aċċess għall-kċina huwa minn wara l-bar u magħha hemm box room żgħira li jieħu ħsiebha l-imputat ukoll.

9. Sa xahrejn qabel kien jgħinu Mario Borg iżda din il-persuna ma baqax tgħinu aktar. L-imputat qal ukoll li kienu jiffrekwentaw il-każin kemm irġiel kif ukoll żgħażagħ. Ftit tal-ġranet qabel kien għamel tabella biex ħadd ma jidħol fil-bar. Din kienet twaħħlet fuq ordni tal-kumitat. Huwa qal ukoll li kien preżenti fit-tfittxija kemm fil-bar kif ukoll id-dar fejn instabu xi karti b'xi tpinġija tat-tifel fuqhom. Il-qratas kienu nstabu ġo kexxun fl-istore room. Huwa ġieli kien juża l-kokaina iżda drogi oħra qatt ma uża. L-aħħar li kien ħa kien xi tliet ġimgħat qabel u dan ġeneralment kien jagħmlu meta jmur jieħu xi drink Paceville.

10. Mistoqsi jekk qattx ta jew biegħ droga huwa wieġeb:

'Iva. Ġieli kont Paceville, jiġi xi ħadd fuqi, li jkun irid il-kokaina, u ma jkunx jaf minn fejn jixtri u jiena mmur nixtrilhom. Ta' dan ituni żewġ linji cocaine. Ġeneralment ikunu ħbieb tiegħi.'

11. Mistoqsi jekk qattx biegħ kokaina huwa qal:

'Le, mhux minnu.'

**Xiehda ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud**

12. L-espert maħtur fl-inkjesta

(a) ma sabx mechanical fit bejn il-karti tal-qratas fid-dokument 98 CCL 02 (esibit elevat mill-Każin tal-banda Stella Maris u 98 CCL 01, esibit elevat minn Cossak House Spinola Road St.Julian's (borża fejn kien hemm tliet notebooks).

(b) it-trab abjad li kien hemm fl-għaxar qratas fid-dokument 98 CCL 02 kellhom ammont ta' 07.589 kokaina.

Dan instabu f'envelopp kannella li fuqu kien hemm il-kliem 'For animal treatment only. Keep out of reach of children.'

(ċ) Il-qratas kienu jiżnu minn 0.578 grammi sa 0.834 grammi (u li għalhekk l-average weight kien 0.7589).

13. Fil-kontro-eżami l-Ispiżjar Mario Mifsud qal li l-ammont ta' kokaina kien qisu 7% ta' dak l-ammont (fol.44). Għall-mistqosija tal-Qorti x-xhud wieġeb li ġieli sab sustanzi oħra mħallta mad-droga.

14. PC 516 Alfio Borg (maħtur fl-inkjesta) ippreżenta tmien ritratti tal-kulur.

15. PC 579 Antoine Micallef kien preżenti għat-tfittxija fil-każin tal-banda. Kien PC-1044 li eleva l-borża mill-kexxun fil-kċina. Dawn instabu fil-kċina ta' wara l-bar eżatt u meta marru jagħmlu t-tfittxija l-imputat kien wara l-bar.

16. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li daħal mill-bieb prinċipali iżda li ma kienx għamel aċċess fuq il-post. Huwa kien mar fil-każin drabi oħra u ma deherlux li kien hemm bibien oħra. Ix-xhud żied jgħid li dak il-ħin fil-kamra ta' ħdejn il-bar kien hemm xi erba' anzjani. Ix-xhud insista li l-imputat kien preżenti fil-bar u li ma ħariġx minn xi toilet.

17. PC -1044 Gordon Calleja ikkonferma li s-sustanza suspettuża (għaxar pakketti) kienet inġabret minn ġo kexxun fil-fond tal-kċina. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-kamra tiġi eżatt wara l-bar, jiġifieri tidħol mill-bieb u tiġi ġol-kċina u trid tidħol fil-kamra mill-bar stess.. Ix-xhud qal li l-imputat kien wara l-bar u li miegħu kien hemm persuna anzjana. L-imputat kien eżatt wara l-counter u għall-aktar mistoqijiet mid-difiża baqa' jgħid li rah wara l-counter.. Il-persuna anzjana kienet fil-bidu ta' fejn tidħol għall-bar. It-tfittxija saret biss fil-kċina għalkemm kien hemm kmamar oħra fil-każin. Meta saret it-tfittxija kien hemm kemm żgħażagħ (fol.58) kif ukoll nies avvanzati.

18. PC-526 Jason Caruana xehed li l-għaxar qratas instabu fil-kċina ġewwa l-kexxun. Meta kien muri r-ritratt

numru 4 huwa għaraf l-envelopp fejn kienu l-qratas u l-karta l-oħra kienet ġol-kexxun ukoll. Fil-kontro-eżami ix-xhud qal li l-imputat kien fil-bar u kien hemm persuna oħra miegħu. L-imputat qal li l-persuna l-oħra kienet hemm kumbinazzjoni biex tgħinu (fol.62) Fil-bar kien hemm xi tmienja jew għaxra min-nies. Ix-xhud kien ċert li l-imputat u l-persuna l-oħra kienu wara l-bar.(fol.63) Huwa qal ukoll li kienu għamlu tfittxija fuq il-bank tal-friża, kaxxi u affarijiet oħra. Meta wasal is-Segretarju, il-Pulizija talbuh biex jagħlaq il-bar. A fol 65 ix-xhud qal li mhux żgħażagħ kien hemm imma nies ta' l-eta'. A fol.66 ix-xhud qal li seta' kien hemm xi żgħażagħ iżda aktar kien hemm kbar milli żgħar. Il-Pulizija kienu ċċekkjaw l-ewwel sular u kien hemm kamra bil-kaxxi tal-luminati kienu daħlu fiha wkoll. Ix-xhud baqa' jinsisti li d-droga fil-kexxun instabet u mhux fit-toilets. Safejn ftakar ix-xhud kulħadd kien baqa' f'postu għax kważi lanqas ħadd nduna li kienu daħlu l-Pulizija (fol.68). Meta daħlu fil-każin kien hemm min qed jilgħab il-kaxxa u min qed jixrob it-te. Li kieku xi ħadd iċċaqlaq, mill-ewwel kien jaqa' s-suspett fuqhom. (fol.69). L-aċċess l-ieħor li kien hemm kien fejn it-taraġ ta' fuq u jekk toħroġ mill-kċina minn dan l-aċċess tiġi fejn it-taraġ. **L-aċċess kien imbarrat bil-kaxxi tal-luminata**. Ix-xhud qal li meta marru jagħmlu t-tfittxija ma raw 'il ħadd sejjer fit-toilet jew dieħel jiġri fit-toilet.

19. PC-123 Saviour Galea xehed li l-imputat kien wara l-bar u li l-kamra fejn instabu l-affarijiet kienet wara l-bar. Ma deherlux li raw lil xi ħadd dieħel fit-toilet.

**Perizja ta' l-Arkitett**

20. Il-Perit Renato Laferla, maħtur mill-Qorti, ħa l-qisien neċessarji u għamel pjanta tal-post. Huwa xehed fuq l-inkarigu mogħti lilu fit-30 ta' Settembru, 1999. Huwa stabilixxa tmien metri minn fejn instabet id-droga għal fejn kienu ż-żgħażagħ. Huwa rraporta wkoll li ma kienx hemm skop li jsir skizz tal-pjan superjuri għax dan kien irrelevanti kif 'qablu l-partijiet waqt li kien qed isir il-kejl'. Jirriżulta wkoll li l-aċċess għal fuq jinżamm magħluq sabiex jintuża biss mill-membri tal-Kumitat.

21. Il-Perit għamel skizz tal-lokal ta' fejn kien indikat lilu li nstabet id-droga. Huwa ħa l-qisien tagħha mill-ħajt ta' wara, mill-ħajt tal-ġenb u mill-ħajt tal-lemin u l-għoli mill-art liema tliet dimensjonijiet rriżultaw rispettivament 3.15 metri, sebgħin ċentimetru u tmenin ċentimetru.

22. Dwar l-ambjent tal-bar il-Perit Arkitett irraporta li dan huwa aċċessibbli minn 'C' u minn 'D' u li jagħti aċċess għall-(H), (I), (J), (M) u (P) (Ara l-pjanta) u li jista' jiġi separat totalment minn dan (P) billi tingħalaq il-bar shutter (4) tul il-bar counter kollu u fuqu u billi jissakkar min-naħa ta' (P) il-bieb (5) li hemm fit-tarf ta' fuq tal-bar counter.

23. Dwar l-ambjent ta' wara l-bar dan hu użat għall-magazinaġġ ta' spiriti u għall-preparazzjoni ta' xi snacks. Aċċessibbli minn (O) u li jagħti aċċess għal wara tal-bar (G) u għal (Q). (Q) hija fil-fatta kċina żgħira aċċessibbli minn P, b'service hatch (6) li tissakkar għal ġo (M).

24. Il-Perit Arkitett osserva li 'l**-kumpless 0 – P – Q jista' jingħalaq kompletament għal rasu mill-kumplament tal-kaċin u dan ovvjament ħalli l-ġestant tal-bar jkollu kontroll komplet fuq dak li jkun hemm ġo fih billi titniżżillu x-xatter (4) ta' fuq il-bar counter u jissakkru t-tliet aperturi (3), (5) u (6).'**

**Impronti Diġitali**

25. Fl-24 ta' Ġunju, 1999 PS 673 Joseph Mallia inħatar bħala espert sabiex jirtira mill-proċess id-dokumenti 98 CCL 01 (tliet notebooks), student note book, diversi faċċati bojod, u pitazz, u 98 CCL 02, diversi karti u qratas, jagħmel eżamijiet kimiċi għall-impronti diġitali u wara jirraporta bil-miktub lill-Qorti. Huwa żviluppa għaxar impronti diġitali li kienu fotografati u kienu dokumentati NH 01 sa NH 10.

**Eżami komparattiv dwar l-Impronti Diġitali**

26. L-espert Joseph M.Bongailas għamel eżami komparattiv bejn l-impronti misjuba u dokumentati kif

deskritt fil-paragrafu ta' qabel u d-dokumenti AC 1 formola ta' l-impronti diġitali u AC 2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' l-imputat.  Fil-konklużjonijiet tiegħu l-espert rrelata hekk:

'A. Illi d-dokumenti NH 01, NH 03, NH 05, NH 06 u NH 08 ġew ikkomparati mad-dokument AC 1 formola tal-ipmronti diġitali ta'Keith Stagno Navarro  bir-riżultat fin-negattiv.

B Illi d-dokumenti NH 01, NH 03, NH 05, NH 06 u NH 08 kienu kkomparati mad-dokument AC 2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Keith Stagno Navarro bir-riżultat fin-negattiv.

C. Illi d-dokumenti NH 02, NH 04, NH 07, NH 09 u NH 10 huma neqsin mill-punti karatteristiċi u għalhekk ma jistgħux jiġu kkomparati mad-dokumenti AC 1 formola ta' l-impronti diġitali u AcC2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Keith Stagno Navarro.' (fol.112)

**Provi Difiża**

27. Il-kawża kienet iddiferita għall-provi difiża fit-2 ta' Ġunju 2000.  If-difiża talbet differiment fit-28 ta' Lulju 2000, fis-17 t'Ottubru 2000, u fit-23 ta' Novembru 2000. Fid-9 ta' Frar 2001 il-Qorti ordnat li l-imputat jinġieb b'arrest.  Fis-6 t'April, 2001 id-difiża talbet differiment. Hekk ukoll għamlet fil-11 ta' Lulju 2001.  Fit-28 ta' Settmerbu 2001 kien ppreżentat ċertifikat mediku.

28. Fit-8 ta' Novembru, 2001 xehed l-Ispettur Neil Harrison li qal li ma kienx arresta persuni bl-isem ta' Panzavecchia u li dan kien miet ta' 55 sena.

29. Fil-31 ta' Jannar, 2002, id-difiża talbet differiment għax l-avukat difensur kien impenjat f'ġuri.

30.  Fit-18 ta' Frar 2002, l-imputat ma deherx u l-avukat difensur qal li kien ser jintbagħat ċertifikat.

31. Fit-8 t'April, 2002 il-Qorti kienet infurmata li l-imputat biddel l-indirizz.

32. Fis-6 ta' Mejju 2002 xehed l-imputat fejn qal li hu kien jaħdem Stella Maris Band Club u Luxol. Meta kien imur il-Luxol, kien joqgħod fil-bar Norbert Panzavecchia li kien ipejjep u jixrob. Ma' din il-persuna kienu jiġu ċerta nies li l-imputat ma tantx kien jafhom. Dawn kienu jidħlu fil-bar li kellu żewġ entraturi. Wieħed li kien jiftaħ l-imputat u l-ieħor, imbagħad, waqt il-ġurnata, kien ikun hemm xi ħadd l-istore li kellu bieb ieħor li dak l-istore kien dejjem ikun miftuħ. L-aktar li kien jgħaddi l-ħin fil-kċina kien Norbert Panzavecchia. Meta l-imputat kien ikun il-Luxol kien jieħu ħsieb kollox Panzavecchia. L-imputat qal ukoll li Panzavecchia kien jidħol fil-kamra ta' wara l-bar imma ġieli kienu jidħlu n-nies minn ġol-bieb ta' l-istore. Il-kexxun ma kellux ċavetta u l-imputat qatt ma kien użah. Kien juża dan il-kexxun Norbert Panzavecchia.

33. Hawn l-imputat inqratlu l-istqarrija u l-imputat wieġeb li anke l-kumitat kienu jsajru għal dawn l-ikliet. Il-kexxun kien bejn il-kċina u l-istore room. Kien jaħdem miegħu Michele Borg li dam jaħdem miegħu sa xahar qabel ma sar il-każ. Il-Kumitat kien ordna li ma jidħlux aktar nies wara l-bar. Is-Segretarju tal-Klabb kien qal lill-imputat biex jagħmel tabella ħalli ma jidħlux nies wara l-bar. L-imputat ċaħad li hu qatt kellu problema tad-droga. Fuq iż-żewġ linji kokaina li kien jieħu, l-imputat qal li dan kien fl-1992 jew l-1993. Imbagħad qal:

'Xejn jien kont naf per eżempju bniedem li kien ikollu u kont ngħidilhom dak jekk għandu u kont immure magħhom biex nurih min kien.'

34. L-imputat qal li ma kienx iħallas il-flus hu u kienu jiddiljaw l-oħrajn. Huwa nnega li qatt kien ibiegħ.

35. Il-Prosekuzzjoni imbagħad staqsiet:

'Qed ngħid sew li minn fejn hemm il-bank tal-bar hemm aċċess ukoll għal din il-kamra, hemm bieb jew tnejn fil-ħajt?'

36. Imputat: Hemm żewġ bibien, żewġ aċċessi.’

37. Prosekuzzjoni: ‘Mill-bar għal din il-kamra li hija kċina u store room.’

38. Imputat ‘Eħe’

39. L-imputat imbagħad wieġeb li l-kexxun kien qiegħed f’mejda u qal li hu qatt ma użahom dawn il-kxaxen. Huwa qal li f’sitt xhur dawn qatt ma kien użahom. Kien jaf li kien hemm mejda iżda l-kexxun qatt ma fetħu.

40. Wara mistoqsija tal-Prosekuzzjoni l-imputat imbagħad qal li bejn il-kċina u l-istores kien hemm qisu minn ħajt sa ħajt ta’ l-Awla.

41. Il-Prosekuzzjoni imbagħad ġibdet l-attenzjoni ta’ l-imputat dwar id-dati ta’ meta qal li ħa l-cocaine. Fl-istqarija kien qal li l-aħħar li ħa kien tliet ġimgħat qabel u fl-1996 waqt li fix-xiehda tiegħu kien semma l-1991 u l-1992. Fi żmien meta kellu l-każin ma kienx jieħu.

42. Hawn il-Prosekuzzjoni ġibditlu l-attenzjoni fejn fl-istqarrija kien qal li kien ħa tliet ġimgħat qabel.

43. L-imputat qal li hemm żball u meta l-Prosekutur saqsieh ‘Allura meta ħadt l-aħħar’ huwa qal ‘I can’t remember.’

44. L-imputat qal li l-veru manager tal-kċina kien Norbert Panzavecchia.

45. Fl-24 ta’ Ġunju, 2002, fuq tal-talba tad-difiża l-kawża kienet differita.

46. Fit-22 ta’ Lulju, 2002 l-imputat reġa’ma deherx u l-Qorti ħarġet mandate t’arrest.

47. Fit-30 ta’ Settembru 2002 deher l-imputat iżda ma sar xejn.

48. Imbagħad seħħet bidla fil-presidenza tal-Qorti minħabba li l-Maġistrat li kien qed jipresiedi qabel nħatar imħallef.

49. Fis-27 ta’ Mejju, 2003 d-difiża talbet differiment.

50. Fil-15 ta’ Settembru, 2003 ma setgħetx issir is-seduta minħabba l-ilmijiet li għamlu.

51. Fit-18 ta’ Novembru 2003 l-imputat me deherx. Deher biss id-difensur tiegħu. Il-Qorti ordnat mandat t’arrest.

52. Fl-4 ta’ Frar 2004 il-kawża tħalliet għax-xhieda tad-difiża.

53. Fit-12 ta’ Mejju 2004 il-Qorti ordnat li tkun inserita x-xiehda li kien ta l-imputat quddiem din il-Qorti diversament preseduta u l-kawża tħalliet għall-provi difiża.

54. Fit-8 ta’ Ġunju 2004 id-difiża talbet li jitħarrku diversi xhieda.

55. Fil-5 t’ottubru, 2004 xehdu tliet xhieda tad-difiża.

56. David Sant xehed li l-każin kien ħareġ tender għall-bar u dawn ħaduh l-imputat u Michele Borg. Panzavecchia kien joqgħod fil-bar meta ma kienx jista’ joqgħod l-imputat. Panzavecchia kien bniedem li wasal fl-aħħar u kien aktar jixrob milli jbiegħlu lil Keith. Fil-bar hemm main dodor in-naħa tal-lemin u hemm bieb ieħor minn fejn fil-barman joħroġ biex iservi n-nies. Dak iż-żmien il-bar kien jinfetaħ filgħodu għax kien joqgħod Norbert Panzavecchia ġo fih. Kien hemm każi fejn l-imputat kien ikun hemm u każi fejn le. Fil-bar ġieli kien ikun hemm xi helpers. Norbert Panzavecchia ma kienx il-bniedem li joqgħod wara l-bar. Kien jidħol, iservi lil xi ħadd u joħroġ. Fil-kontro-eżami dan ix-xhud qal li dak iż-żmien aktar kien ikun ix-xogħol milli l-każin.

57. Xehed ukoll is-segretarju tal-każin Lino Zahra. Huwa xehed li filgħodu l-imputat ġieli kien jiftaħ u ġieli kien le. Meta ma kienx iimur hu kien joqgħod Norbert

Panzavecchia li mbagħad kien ikollu kollox taħt idejh. Huwa qal ukoll li ġieli daħlu xi nies wara l-bar. Il-kamra ta' ġewwa kienet tkun frekwentata minn helpers u minn Panzavecchia. Dan kien raġel sew.

58. Xehed ukoll Karl Zahra qal li kien ikun hemm in-nies fil-bar u qal li Panzavecchia kien jixrob u qal li l-ħbieb ta' Panzavecchia kienu jkunu wara l-bar. Lill-imputat qatt ma rah mhux f'sensih jew fis-sakra.

**Trattazzjoni**

**Il-Prosekuzzjoni**

59. -Prosekuzzjoni ssottomettiet li fil-kċina tal-bar li kien qed jiġġestixxi l-imputat instabu għaxar qratas. Il-persuna wara l-bar huwa l-imputat u hu kellu kontroll fuq l-area tal-bar, il-bar counter u n-naħa ta' wara l-bar counter fejn instabet id-droga. Il-Perit Arkitett indika dan fl-iskizz tiegħu u l-kċina mhix qegħda n-naħa l-oħra tal-bar. Kemm il-kċina kif ukoll il-bar huma żgħar. L-imputat kien ilu bil-bar f'idejh mill-5 ta' Frar ta' l-1998, jiġifieri tmien xhur u jumejn. Il-bar kien jingħalaq b'katnazz. L-imputat ammetta fl-istqarrija li kien juża l-kokaina u huwa biddel parti mill-Istqarrija li kien għamel lill-Pulizija meta kien qed jixhed fil-Qorti. Fl-istqarrija huwa kien qal li kien jixtri l-kokaina għal ħadd ieħor. Huwa baqa' ma kkalborax u waqt li fl-istqarrija tiegħu huwa kien qal li l-ewwel darba li ħa l-kokaina kien xi sentejn qabel (jiġifieri fl-1996) u li l-aħħar li kien ħa l-kokaina kien xi tliet ġimgħat qabel, meta xehed huwa semma s-snin 1991 u 1992. Għaldaqstant il-Prosekuzzjoni staqsiet 'Liema verżjoni ħa temmen?' L-imputat kien jaf x'inhi droga għaliex kien jeħodha hu.

**Id-Difiża**

60. Id-Difiża nsistiet li l-Qorti tista' ssib lill-imputat li m'hu ħati ta' xejn, ta' pussess aggravat, jew ta' pussess sempliċi. Hija sostniet ukoll li l-evidenza ċirkostanzjali għandha tkun univoka u rreferiet għal każ 'Pulizija versus David Gatt' fejn il-Qorti qalet li l-ġudikant għandu jagħti a 'safe and satisfactory judgement' u għall-każ ieħor 'Il-

Pulizija versus Carmel Spiteri' fejn il-Qorti kienet qalet li l-ammont fih innifsu mhux biżżejjed biex jindika l-pussess aggravat.

61. Id-Difiża żiedet tgħid li fl-istqarrija jissemma Norbert Panzavecchia iżda mkien ma hemm mistoqsija dwar min kien jieħu ħsieb l-affarijiet. Din il-persuna – illum mejta-ma kenitx investigata mill-Pulizija. Irreferiet ukoll għax-xhieda mogħtija fl-udjenza ta' 5 t'Ottubru 2004 xehdu li għalkemm il-bar kien jgħajjat lill-imputat, fl-assenza ta' l-imputat kien jieħu ħsieb Norbert Panzavecchia. Il-każin kien ħareġ ordni biex ma jidħlux nies wara l-bar. Għalhekk dak li qal l-imputat kien korroborat bix-xhieda.

62. Barra dan kollu, l-esperti la sabu mechanical fit bejn il-karti u lanqas ma kkonkludew li l-impronti diġitali ta' l-imputat jaqblu ma' dawk fuq il-qratas. Il-Pulizija ma sabet ebda droga fid-dar ta' l-imputat, ebda miżien u ebda foil. Il-kexxun fejn instabet id-droga kien bla ċwievet u fl-istqarrija ma saritx domanda waħda dwar ta' min kienu l-affarijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

63. Sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova li l-imputat wettaq ir-reat dedott kontrih jinħtieġ li tipprova dan li ġej:

(a) Li s-sustanza misjuba fil-kexxun tal-kċina tal-bar tal-każin tas-Soċjeta Filarmonica Stella Maris Sliema kienet id-droga kokaina
(b) Li l-imputat kellu kontroll fuq din is-sustanza
(c) Li jekk jirriżultaw (a) u (b), li hemm ċirkustanzi biżżejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta li l-imputat huwa ħati ta' pussess aggravat;
(d) Li, jekk jirriżultaw (a), (b) u (ċ), li l-post fejn instabet kien iffrekwentat miż-żgħażagħ;
(e) Li r-reat seħħ fis-7 t'Ottubru, 1998 u matul l-aħħar xhur ta' qabel dina d-data.

Il-Qorti ser teżamina dawn l-elementi seriatim.

64. (a) Mix-xhieda ta' l-espert maħtur mill-Qorti jirriżulta li s-sustanza misjuba kienet kokaina u li din kienet tammonta għal 7.589 grammi. Għaldaqstant dan l-element jinsab ippruvat.

65. (b) Dwar il-kontroll ta' l-imputat fuq id-droga, il-Prosekuzzjoni u d-difiża ma jaqblux. Waqt li l-Prosekuzzjoni tgħid li l-imputat kellu l-kontroll għax il-bar kien mikri lilu, id-difiza tgħid li kontroll ma kienx hemm għaliex (a) Li t-tqabbil ta' l-impronti diġitali kien negattiv; (b) L-imputat ma kienx l-uniku bniedem li kien jidħol wara l-counter tal-bar; (ċ) Li kien hemm persuna oħra, illum mejta, li kienet tidħol hi fl-assenza ta' l-imputat; (d) Li l-kexxun fejn instabet id-droga kien bla ċavetta.

66. Il-Qorti sejra tqis l-argumenti miġjuba wieħed wara l-ieħor.

67. (a) Dwar il-prova ta' l-impronti diġitali. Din, fil-fehma tal-Qorti, ma tistax titqies bħala prova li turbot lill-imputat mar-reat imsemmi minħabba li l-eżami komparattiv kien negattiv.

68. (b) Dwar il-kontroll fuq il-bar, il-Qorti tirreferi għall-istqarrija ta' l-imputat fejn qal (i) li kien jgħinu ċertu Norbert Panzavecchia u li kien jiftaħ bejn l-10 ta' filgħodu u s-siegħa ta' wara nofs in-nhar u mill-5 ta' filgħaxija sal-11.00 p.m.
.
(ii) Huwa kellu x'jaqsam mal-bar biss u responsnabbli mill-bar, mill-kċina u mill-istore li hemm magħha.

(iii) Il-bar jissakkar b'katnazz. Il-kċina hija żgħira u qegħda wara l-bar, li hija parti mill-bar u ***nużaha jien biss*** (sottolinear tal-Qorti) ħlief meta jagħmlu xi ikla tal-kumitat tal-każin***. Pero' ilha ma ssir ikla hemm hekk.*** (sottolinear tal-Qorti) Aċċess għall-kċina huwa minn wara l-bar. Il-kċina fiha daqs nofs l-uffiċju tas-Supretendent Neil Harrison. (Fil-Qorti l-imputat spjega wkoll id-dimensjonijiet). Mal-kċina hemm box-room żgħira li wkoll kien jieħu ħsiebha l-imputat. Huwa qal ukoll li l-qratas kienu ġol-kexxun go l-istore room. Ftit tal-ġranet qabel

kien waħħal tabella mal-bar biex ħadd ma jidħol wara l-bar.

(iv) Minn dak li qal l-imputat fl-istqarrija, il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-imputat kellu kontroll tal-area fejn instabet id-droga. Effettivament, għalkemm kienu jidħlu nies fil-bar u / jew wara l-counter, ftit ġranet qabel ma saret it-tfittxja l-imputat stess kien waħħal tabella biex ħadd ma jidħol.

69. Meta marru l-Pulizija jagħmlu t-tfittxija, ftit kien hemm nies fil-każin u l-imputat kien wara l-counter u mhux f'xi parti oħra tal-każin.

70. Jidher għalhekk li fil-jum u l-ħin in kwistjoni l-imputat kien f'kontroll assolut ta' l-area ta' fejn instabet id-droga.

71. Fix-xhieda tiegħu, fis-6 ta' Mejju 2002, l-imputat qal li Norbert Panzavecchia kien jidħol wara l-bar u li xi nies kienu jidħlu minn ġol-bieb ta' l-istor 'għal hemm wara.' L-imputat innega wkoll li xi darba kien uża l-kexxun u dwar il-kokaina huwa qal li dan kien fl-1992 jew l-1993. Barra dan ma kienx jixtri d-droga hu iżda kien imur juri lil min talbu liema persuna setgħet tissippluxxi d-droga.

72. (v) Il-Qorti hawn qed tinnota inkosistenzi bejn id-dati mogħtija fl-istqarrija u d-dati mogħtija waqt ix-xhieda. Fl-istqarrija l-imputat qal li sa tliet ġimgħat qabel kien għadu jieħu l-kokaina, u li hu kien imur jixtri l-kokaina lil sħabu waqt li fix-xhieda l-użu tal-kokaina ntefa' lura għall-1992 jew 1993 (ħames snin qabel).

73. (vi) Il-Qorti ftit tista' temmen din il-verżjoni ta' l-imputat u tinnota wkoll li x-xhieda kienet qed tintuża sabiex il-partijiet skomdi ta' l-istqarrija jkunu irrangati. Tant li baqax jgħid li jmur jixtri hu għal ħadd ieħor iżda li jmur magħhom. (Dan huwa wkoll reat skond id-definzzjoni ta' l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 għax tkun qed tagħti informazzjoni minn fejn tista' tinġieb id-droga).

74. (vi) Il-Qorti lanqas tista' temmen li l-imputat qatt ma uża l-kexxun għax fl-ispazju limitat li l-imputat kellu għad-

dispożizzjoni tiegħu, huwa aktar loġiku li tuza u tiftaħ kollox milli tħalli xi rokna bla minsusa. Il-parti bejn fejn hemm l-ixkaffi u l-counter hija dejqa ferm kif jidher mill-iskeċċ u n-naħa ta' wara bilfors irid jintuża għax ħdejn il-countr m'hemmx fejn wieħed idur.

75. (vii) Fuq kollox fl-istqarrija , l-imputat ammetta huwa stess li kien imur jixtri għal sħabu, li hu ma kienx ibigħ droga iżda kien jieħu żewġ linji kokaina talli jaqdi 'l min jitolbu.

76. (viii) Mela fis-7 t'Ottubru 1998, l-imputat kien jaf x'inhi kokaina, ma kienx ilu li ħadha (tliet ġimgħat) u kellu esperjenza ta' min fejn wieħed jista' jġib il-kokaina. Oltre dan, it-tfittxija seħħet wara li l-imputat stess ħareġ tabella biex ħadd ma jidħol wara l-bar u wara li kien għajjat ma' Norbert Panzavecchia għax kien iħalli n-nies jidħlu wara l-counter.Bit-tabella mwaħħla l-persuni li jkunu ġol-bar ma kinux ser jazzardaw jiksru l-ordni jekk iridu jibqgħu membri.

77. (ix) Meta qieset ***dan kollu,*** il-Qorti kkonkludiet li fil-jum in kwistjoni u fix-xhur ta' qabel l-imputat kellu l-kontroll ta' fejn instabet id-droga kokaina. Lanqas il-fatt li l-kexxun ma kellux ċavetta ma jista' jikkonvinċi l-Qorti li l-imputat ma kellux kontroll ta' dan il-kexxun. L-imputat kellu kontroll fuq wara tal-bar daqs kemm kellu fuq quddiem.

78. (x) It-tielet argument tad-difiża kien li fl-assenza ta' l-imputat kien jieħu ħsieb Norbert Panzavecchia. Dwar din il-persuna, li nafu mix-xhieda huwa biss li kellu xi 55 sena, li kien jixrob u jpejjep iżda ma kienx ta' karattru ħażin (ara fol.182 xhieda ta' Lino Zahra) Barra dan, skond ix-xhud PC-579 Antoine Micallef (fol 51) dan kien ħdejn l-imputat dak in-nhar tat-tfittxija iżda 'Li kont mill-ewwel teskludih li m'għandux x'jaqsam ma' l-affarijiet.' Ma ġiet ippreżentata ebda xhieda jew fedina penali ta' Norbert Panzavecchia li torbot lil din il-persuna ma' l-abbuż tad-droga waqt li mill-istqarrija ta' l-imputat jidher li l-imputat kien jieħu l-kokaina kif ukoll jixtriha għal ħadd ieħor. Għaldaqstant, bir-rispett kollu, il-Qorti mhix taċċetta is-sottomissjoni tad-difiża li d-

droga setgħet kienet ta' ħadd ieħor jew li poġġiha hemm ġew ħadd ieħor jew li l-imputat ma kienx jaf biha.

79. (xi) L-aħħar argument kien li l-kexxun kien mingħajr ċavetta. Il-Qorti tifhem li jista' jkun hawn min jaqfel sew il-kokaina għal raġunijiet ta' sigurta'. Iżda ma jfissirx li kull bniedem li jkollu d-droga jaqfilha biċ-ċavetta. Għaldaqstant il-Qorti mhix taċċetta dan l-argument. Lanqas li daħal xi ħadd u għamilha hemm ġew meta ċ-ċirkostanzi juru li l-imputat kien bniedem li jaf sew x'inhi droga, li ġieli kien indika lil ħadd ieħor minn fejn seta'jakkwistaha u li, almenu skond l-istqarrija, sa tliet ġimgħat qabel kien użaha. Allura l-Qorti ma tistax tkun konvinta minn argumenti li jsemmu nies li kienu jidħlu wara l-bar, jew nies li jissuplixxu xi stokk (wara kollox il-bieb kien imbarrat skond ix-xhud PC 526) jew argumenti li jsemmu xi persuna mejta, li wara kollox, hija mfaħħra minn wieħed mix-xhieda stess u li mietet qaasir il-għomor għax kienet tħobb tixrob u tpejjep..

80. (xii) Il-Qorti qed tqis ukoll li propju l-bniedem li kien imexxi l-bar kien jieħu l-kokaina. Lanqas tgħid li għall-anqas instabet droga differenti. **Għalhekk, il-Qorti, wara li qieset mhux biss l-argumenti tad-difiża iżda wkoll din l-aħħar konsiderazzjoni, qed tikkonkludi billi tgħid li l-imputat kellu kontroll sħiħ tad-droga kokaina misjuba fin-naħa ta' wara tal-bar li kien qed jiġġestixxi fil-każin u li din kienet tiegħu u ta' ebda persuna oħra. Jekk fl-istqarrija ma kien hemm ebda moment li fih l-imputat kien mistoqsi jekk id-droga kenitx tiegħu, ma jfissirx li fil-fatt din ma kenitx taħt il-kontroll tiegħu. Wara kollox, li kieku saret il-mistoqsija fl-istqarrija seta' jagħżel li ma jweġibx jew li jinnega li kienet tiegħu. L-istqarrija turi luċidita' kbira da parti ta' l-imputat u għal darbtejn hemm referenza ta' kontroll assolut: 'nużaha jiena biss' u 'Magħha hemm ukoll box-room żgħira li wkoll nieħu ħsiebha jiena.' A tempo vergine, meta l-imputat kien qiegħed kien qiegħed fl-uffiċċju tal-Pulizija ma ssemmewx terzi persuni bħala responsabbli ta' x'jiġri fil-bar. Fejn ried ma tax informazzjoni bħal meta ma tefa' ebda dawl dwar is-sorsi minn fejn kien jixtri.**

**Il-Pussess Aggravat.**

81. Huwa tassew li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat deċiżjonijiet fejn l-ammont ta' droga misjuba kien konsiderevoli iżża aċċettat il-verżjoni tad-difiża li dan kien għall-użu personali. Il-Qorti mbagħad għaddiet biex timponi piena karċerarja xorta waħda għalkemm ta' żmien iqsar. (Ara : Il-Pulizija versus Marius Magri u 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri' (Appell: 307/98 – 2 ta' Settembru 1999). Il-Qorti qed tirreferi wkoll għad-deċiżjoni 'Il-Pulizija versus David Schembri (Appell 9/2000, 10 ta' Marzu, 2000) fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet:

'Wasal iż-żmien li anke għall-pussess hekk imsejjaħ sempliċi ta eroina u kokaina il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jibdew jaħarbu serjament f'termini ta' piena karċerarja ***anke meta l-ammont ikun kjarament għall-użu esklussiv tal-pussessur.*** **(Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.)**

82. Il-Qorti għandha quddiemha 7.589 grammi ta' kokaina (il-piż kollu imqar jekk imħallta) imqassma f'għaxart iqratas f'piż li huwa kważi identiku. L-ewwelnett l-ammont huwa serju u dan, kif diġa' spjegat il-Qorti f'deċiżjonijiet tagħha preċedenti, mhux b'xi kriterju lokali biss iżda wkoll bi kirterji f'pajjiżi oħra Ewropej. It-tieni it-tqassim tal-qratas huwa indikazzjoni oħra għal din il-Qorti li d-droga kokaina misjuba ma kenitx għall-użu esklussiv ta' l-imputat. Iżda l-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat xi ftit ta' l-addiction kellu wkoll kif jidher mill-istqarrija tiegħu u allura lesta tikkonċedi li mhux il-pakketti kollha kienu għall-ispaċċjar.

83. Wara li qieset dan kollu, l-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-pussess aggravat.

84. Dwar l-aggravju, b'referenza għaż-żgħażagħ, il-Qorti tirraviża xi ftit tal-konflitt. Isemmihom l-imputat fl-istqarrija, iżda f'paġina 65 tal-proċess PC-526 Jason Caruana qal;

'L-ewwel nies mhumiex żgħażagħ li kien hemm.'

Min-naħa l-oħra f'paġina 58, PC-1044 Gordon Calleja qal:

'Meta għamilna s-search kien hemm kemm żgħażagħ u kien hemm ftit iżjed avvanzati.'

85. Fil-fehma tal-Qorti, il-prova trid tkun aktar ċara minn hekk u jrid jintwera li l-post huwa ffrenkwetat miż-żgħażagħ.

**86. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx l-aggravju 'l fuq minn kull dubju dettat mir-raġuni.**

87. Fl-aħħarnett, il-jum tat-tfittxija kif joħroġ minn diversi xhieda huwa dak tas-7 t'Ottubru, 1998.

88. Għalhekk l-element (e) (imsemmi aktar 'il fuq) kien ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

89. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 issb lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih iżda mhux ta' l-aggravju.

90. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis ċerta fatturi fosthom:

**Fatturi pożittivi**

(a) li meta sari r-reat l-imputat kellu kondotta kważi nadifa;
(b) li mir-risposti tiegħu meta xehed jidher li biddel ħajtu u llum ssetilja

**Fatturi negattivi**

(a) li ma għenx lill-Pulizija
(b) l-ammont ta' qratas u ta' droga. (Għalkemm dwar il-persentaġġ, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-aħħar tlitt ivrus ta' paġina 44 li ma tantx joħorġu ċar jekk il-partijiet humiex jiddiskutu l-persentaġġ ta' kokaina jew jekk l-avukat difensur hux qed jinsisti fuq il-persentaġġ waqt li l-espert qiegħed jirreferi għall-piż kollu).

91. Wara li qieset dan kollu l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal disa' (9) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500). Din tista' titħallas bir-rata ta' Lm25 fix-xahar bl-ewwel pagament isir erba' ġimgħat mid-data ta' din is-sentenza.

92. Il-Qorti mhix qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-espert Joseph Bongailas ai termini ta' l-artikolu 533 għax minkejja linstabet ħtija, ir-riżultat mogħti mill-espert fl-eżamin komparattiv kien negattiv. Lanqas m'hi tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud minħabba li dan tqabbad bħala espert matul l-inkjesta.

93. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------